



Brussell, 4 ta' Diċembru 2020  
(OR. en)

13536/20

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2020/0337(NLE)

---

AVIATION 228  
RELEX 960  
MD 4  
NIS 21  
OC 16  
COEST 260

**NOTA PUNT "I/A"**

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-  
Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-  
Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova  
- Adozzjoni

1. Fis-27 ta' Novembru 2020 il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq.
2. Il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-  
Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-  
Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova,  
min-naħħa l-oħra<sup>1</sup> li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt.

---

<sup>1</sup> ĠU L 292, 20.10.2012, p. 3.

3. Il-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, daħal fis-seħħ fit-2 ta' Awwissu 2020. Il-Kumitat Konġunt stabbilit fl-Artikolu 22 tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni huwa responsabbi għall-amministrazzjoni tal-Ftehim u jiżgura l-implimentazzjoni tajba tiegħu.
4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni eżamina l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill<sup>2</sup> u l-anness tiegħu<sup>3</sup> fit-3 ta' Diċembru 2020.
5. It-testi, kif maqbula fil-Grupp ta' Ħidma, tħejjew mis-servizz tal-ġuristi-lingwisti tal-Kunsill<sup>4</sup>.
6. Konsegwentement, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tal-Grupp ta' Ħidma u jissuġġerixxi lill-Kunsill biex jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill flimkien mal-anness tagħha kif jinsabu fid-dokumenti 13513/20 u 13515/20 bħala punt "I/A" f'waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss.

---

<sup>2</sup> Dok.13506/20

<sup>3</sup> Dok.13506/20 ADD 1

<sup>4</sup> Dok.13513/20 + 13515/20